MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Numru. 2/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**John Mizzi bin Marcel u Mary Anne nee' Gatt, imwieled fit-2 ta' April, 1974 u residenti Morning Star, Triq Ganni Vassallo, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 205674(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Mizzi li gie akkuzat talli fi Triq Ganni Vassallo, Rabat, Ghawdex b'diversi atti maghmulin minnu bejn id-29.04.2008 u d-09.12.2009 li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jobdi ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala

Gudikatura Kriminali b'sentenza tad-29.04.2008 billi naqas li jirranga dik il-parti tal-faccata fejn qala' il-madum fi zmien xahar mid-data tal-istess sentenza u dan sehh bi ksur tal-artikoli 18 u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

Rat l-imputazzjonijiet,

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-imputat ghadu ma ottemprax ruhu mas-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' April, 2008 billi jirranga l-hajt tal-parti leza kif kien qabel u cioe' billi jaghmel zokklatura tal-gebel biex il-faccata tigi uniformi. Madanakollu hemm kunflitt fil-provi dwar jekk l-imputat ghamilx dan minn jeddu jew inkella ghax gie mizmum mill-parti leza;

Kwindi l-Qorti qed testendi t-terminu koncess lill-imputat sabiex jaghmel ix-xoghlijiet rimedjali billi jaghmel il-gebel fil-parti ta' isfel tal-faccata u jkahhal il-parti ta' fuq u dana minghajr pregudizzju ghad-drittijiet civili spettanti lilu skont il-Ligi u dana fi zmien xahrejn mil-lum taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri li qed jigi nominat ghal dan il-ghan a spejjez tal-imputat u wara li rat l-Artikolu 377 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li jekk l-imputat ma jobdix dina l-ordni hu jehel ammenda ta' hames ewro (€5) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien lilu koncess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------